

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/1656**tas-6 ta' Novembru 2018****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġġeddu sal-14 ta' Novembru 2019.
- (3) Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal persuna waħda elenkata fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 jenħtieġ li tiġi emendata.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 13

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-14 ta' Novembru 2019.

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hija għandha tiġi mġedda, jew emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-oġġettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.";

- (2) l-Anness I huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠUL 295, 14.11.2017, p. 60).

ANNEX

Fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074, l-entrata 7 tinbidel b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"7.	Diosdado Cabello Rondón	Data tat-Twelid: 15 ta' April 1963	President tal-Assemblea Kostitwenti u l-Ewwel Viċi President tal-Partit Soċjalista Magħqud tal-Venezwela (PSUV). Involut f'azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bl-użu tal-media biex jiġu attakkati u mhedda pubblikament l-oppożizzjoni politika, media oħra u s-soċjetà ċivili.	22.1.2018"